MT

SEJĦA

# MEXXEJ U TIM GĦALL-ĦBIEB TAL-BIEB

*fi ħdan l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva*

National Agency *for* *the* Performing Arts

Aġenzija Nazzjonali *għall-*Arti Performattiva

*L-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva* qed tfittex mexxej u tim għall-Ħbieb tal-Bieb biex ikunu parti mit-tim tal-produzzjoni waqt il-programm ta' avvenimenti ta' *Teatru Malta*, *ŻfinMalta* u *KorMalta*.

Għal dan ir-rwol, qed infittxu individwi motivati li jieħdu gost jilqgħu lin-nies, iservu ta' gwida u jagħtu daqqa t'id waqt it-tmexxija ġenerali tal-produzzjoni tagħna… Hemm raġuni għala nsejħulhom *Ħbieb tal-Bieb*, huma dawk li jilqgħuk bi tbissima meta tasal.

Dan is-servizz normalment hu meħtieġ għal spettakli filgħaxija, bil-possibbiltà ta' matinees, u jinkludi laqgħat ta' preparazzjoni, għal kull produzzjoni f'kull post iddedikat.

## DWAR L-AĠENZIJA NAZZJONALI GĦALL-ARTI PERFORMATTIVA

*L-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva* twaqqfet fl-2023 bl-għan li tgħolli l-profil tal-arti performattiva fis-soċjetà Maltija.

*ANAP* hi mmexxija minn Bord tad-Diretturi u Chairperson, kif ukoll minn Kap Eżekuttiv, Direttur tal-Amministrazzjoni u tliet Diretturi Artistiċi. Dan jiżgura li l-viżjoni artistika, l-iżvilupp, il-brand, u l-identità ta' *KorMalta*, *Teatru Malta* u *ŻfinMalta* jkunu distinti, ċari u li jibqgħu għaddejjin. It-tliet entitajiet kull sena jipproduċu programm artistiku ewlieni tagħhom, filwaqt li jikkollaboraw ukoll fi proġetti ta' koproduzzjoni għal udjenza lokali u internazzjonali, li jirrappreżentaw is-settur Malti tal-arti performattiva fuq livell internazzjonali, u jiggarantixxu kalendarju nazzjonali b'saħħtu kkurat u kkonsolidat għas-settur artistiku performattiv lokali.

Dan il-mandat se jinkludi strateġija għall-ħolqien ta' sinerġiji ma' Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi (PCOs) oħrajn, kif ukoll mas-settur privat. Imwaqqfa fl-2023, l-Aġenzija għandha l-għan li ssir l-aġenzija nazzjonali għall-Arti Performattiva prinċipali, li toħloq dibattitu, tiffoka fuq it-Teatru, iż-Żfin u l-Kant tal-Kor, filwaqt li tipproduċi xogħol li jilħaq livell nazzjonali ta' eċċellenza permezz ta' ħidma fuq proċessi artistiċi ta' eċċellenza fi ħdan il-komunitajiet u l-fergħat edukattivi disponibbli. B'hekk, l-Aġenzija se tiżviluppa wkoll udjenzi ġodda għall-arti performattiva u tkompli ssaħħaħ dawk disponibbli, biex b'hekk ittejjeb it-tkabbir tal-udjenza u l-parteċipazzjoni, u taġixxi wkoll bħala katalist għal talent ġdid permezz ta' konnessjonijiet nazzjonali msaħħa mas-settur edukattiv.

## ĦTIĠIJIET

Id-dmirijiet tat-tim tal-Ħbieb tal-Bieb jinkludu li:

- Jkunu disponibbli u jassistu lill-Kap tal-Produzzjonijiet u/jew ir-rappreżentant tagħhom matul l-iskeda tal-provi sal-ġimgħa tal-produzzjoni kif ukoll l-ispettakli, kif skedat u miftiehem mal-Kap tal-Produzzjonijiet u/jew ir-rappreżentant tagħhom;
- Jattendu laqgħa ta' preparazzjoni għal kull produzzjoni, kif ordnat mill-Kap tal-Produzzjonijiet u/jew ir-rappreżentant tagħhom. Dan jista' jinkludi attendenza għall-provi;
- Jilqgħu lill-membri tal-udjenza u jiskennjaw u jiċċekkjaw il-biljetti mal-bieb, kif ordnat mill-Maniġer tal-Marketing u/jew ir-rappreżentant tagħhom;
- Jqassmu programmi u tifkiriet oħra (skont dak li jkun disponibbli), kif ordnat mill-Maniġer tal-Marketing u/jew ir-rappreżentant tagħhom;
- Jbigħu l-biljetti u prodotti fil-bieb, billi jieħdu ħsieb il-flus kontanti u l-bejgħ bil-POS kif meħtieġ, kif ordnat mill-Maniġer tal-Marketing u/jew ir-rappreżentant tagħhom;
- Jiggwidaw lill-membri tal-udjenza għad-daħliet, il-ħruġ u l-latrini;
- Jiggwidaw lill-membri tal-udjenza għal kwalunkwe gabbani waqt u/jew qabel l-ispettaklu, matul l-intervall jew wara l-ispettaklu (skont x'inhu disponibbli);
- Jiżguraw li l-udjenzi ma jkunux qed jużaw il-mobiles tagħhom jew kwalunkwe tagħmir ta' rrekordjar ieħor waqt l-ispettaklu (sakemm ma jkunx ordnat mod ieħor);
- Jiżguraw li jirranġaw iż-żoni ta' lqugħ tan-nies kif ukoll iż-żoni ta' spettaklu wara kull spettaklu u jassistu fl-armar u ż-żarmar kif meħtieġ;
- Jimmaniġġjaw l-udjenza f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, billi jkunu konxji tar-rekwiżiti/kwistjonijiet ta' saħħa u s-sigurtà u pjanijiet ta' emerġenza;
- Jżommu kuntatt ma' membri tat-tim tal-Ħbieb tal-Bieb biex jiżguraw it-tmexxija bla xkiel tal-ispettaklu;
- Jiċċekjaw u jirraportaw kwistjonijiet ta' sigurtà lill-Kap tal-Produzzjonijiet u/jew lir-rappreżentant tagħhom;
- Jiċċekjaw u jirraportaw kwalunkwe kwistjoni dwar il-biljetti lill-Kap tal-Produzzjonijiet u/jew lir-rappreżentant tagħhom.

## 1. ĦILIET U KOMPETENZI

L-applikanti għandhom, sad-data tal-applikazzjoni, ikunu fil-pussess ta':

- Ħiliet tajbin ħafna ta' soċjalizzazzjoni man-nies. L-esperjenza fl-ospitalità hija meqjusa bħala vantaġġ;
- Ħiliet tajbin ħafna għas-soluzzjonijiet tal-problemi u l-abbiltà li jikkomunikaw b'mod effettiv;
- Ċertifikat validu tal-ewwel għajnuna u/jew id-disponibbiltà biex jattendu kors fl-aħħar ġimgħa ta' Frar 2024 (iffinanzjat mill-Aġenzija)
- Attenzjoni kbira għas-sigurtà;
- Għarfien tax-xena kulturali u kreattiva lokali;
- Profiċjenza fl-Ingliż u l-Malti, b'ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni orali u bil-miktub;
- Kapaċità li jaħdmu kemm b'mod indipendenti kif ukoll f'tim, b'attenzjoni għad-dettall;
- Kapaċità li jaħdmu taħt pressjoni.

## 2. SKEDA

- Is-sigħat tax-xogħol normalment ikunu barra mill-ħinijiet tipiċi tal-uffiċċju u għalhekk il-kandidat irid ikun flessibbli biex jaħdem fi tmiem il-ġimgħa u filgħaxija skont il-bżonnijiet tal-entità.
- Jekk ma jkollux ċertifikat validu tal-ewwel għajnuna, il-kandidat irid ikun disponibbli u lest li jattendi kors bażiku tal-ewwel għajnuna organizzat u ffinanzjat mill-Aġenzija fl-aħħar ġimgħa ta' Frar 2024.
- Jista' jkun il-każ li jiġu offruti opportunitajiet oħra ta' taħriġ.
- Xi dati importanti għal din is-sena:<br>11 u 18 ta' Marzu ghal Trikki Trakki 2024;<br>Aktar dati għal proġetti/inizjattivi/produzzjonijiet oħra se jiġu kkomunikati aktar tard. Id-dati għal kwalunkwe laqgħa ta' informazzjoni mhumiex inklużi fil-lista ta' hawn fuq.

## 3. XOGĦOL FI ĦDAN TIM

It-tim tal-Ħbieb tal-Bieb jirrapporta direttament lill-Kap tal-Produzzjonijiet u/jew lir-rappreżentant tagħhom. Soġġett għad-diskrezzjoni tal-Aġenzija, uffiċjal minn ħdan it-tim magħżul jista' jintalab jappoġġja l-programm ta' attivitajiet bħala Mexxej tal-Ħbieb tal-Bieb, u għalhekk jaġixxi bħala punt ewlieni ta' kuntatt għat-tim mal-Kap tal-Produzzjonijiet u/jew ir-rappreżentant tagħhom.

## KUNDIZZJONIJIET TAL-KUNTRATT

Il-kandidati magħżula jingħataw *Kuntratt ta' Servizz* ta' sena (1), bil-possibbiltà li jiġġedded għal perjodu ieħor ta' sena (1), skont il-prestazzjoni tagħhom. Il-kandidati magħżula jkunu jwieġbu lill-Kap tal-Produzzjonijiet u/jew ir-rappreżentant tagħhom, li jopera b'sigħat flessibbli biex jissodisfa t-talbiet u r-rekwiżiti tal-pożizzjoni. Il-kandidat magħżul ikun meħtieġ jaħdem fi ħdan ir-regoli u r-regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Il-fornitur tas-servizz magħżul ikun responsabbli għat-tassazzjoni rilevanti kollha u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

L-applikanti jridu jkunu fil-pussess ta' numru validu tal-VAT.

## REMUNERAZZJONI

**Mexxej tal-Ħbieb tal-Bieb***
**magħżul għad-diskrezzjoni tal-Aġenzija*
€10/fis-siegħa eskluż il-VAT

**Uffiċjal tal-Ħbieb tal-Bieb**
€8.50/fis-siegħa eskluż il-VAT

Il-ħlas jiġi pproċessat mill-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva fi żmien 30 jum minn meta taslilha l-fattura b'numru tal-VAT validu.

## APPLIKAZZJONIJIET

L-applikanti interessati huma mitluba jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' **opportunities@napa.mt.**

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija it-**2 ta' Frar**, 2024 f'**nofsinhar.**